# X'Hemm Ġdid għas-sena 2008

| | |
|---|---|
| 25/12/2008 | Infakkrukom fil-Kompetizzjoni ġdida sponsorjata minn iLovebooks.com.mt. Din il-kompetizzjoni tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2008. Artiklu: "Żewġ Kappelli Rurali li m'Għadhomx Jeżistu", kitba ta' Michael Balzia. Kappelli: Il-Kappella tal-Madonna tal-Abbandunati fil-Wardija; il-Kappella tal-Madonna ta' Liesse fil-Belt Valletta u l-Kappella ta' San Pawl Nawfragu ("Tal-Ħġejjeġ") li hemm f'San Pawl il-Baħar. Printer-friendly format: Fil-paġna tal-kappelli qed nagħmlu ikona ../html/il-kappelli.html../html/il-kappelli.htmlli turi li jeżisti fajl f'format PDF li jista' jiġi stampat faċilment. S'issa lestejna l-ewwel għaxar kappelli tal-ewwel sett. |
| 20/12/2008 | Kompetizzjoni ġdida sponsorjata minn iLovebooks.com. Infakkrukom li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2008. Kappelli: Il-Kappella ta' San Ġakbu fiż-Żurrieq u l-Kappella ta' Santa Luċija f'Għawdex. Download: Il-Kalendarju għas-sena 2009: Din id-darba juri kappelli minn ġewwa. Buttini tan-navigazzjoni ġodda fin-naħa ta' fuq tal- kull paġna. ../html/il-kappelli.html ../html/il-kappelli.html../index.html../index.html |
| 30/11/2008 | Kompetizzjoni ġdida sponsorjata minn iLovebooks.com. Attivitajiet: Festi għax-xahar ta' Diċembru, 2008. Aħbarijiet: Servizz qasir aħbarijiet tal-PBS dwar is-sit www.kappellimaltin.com; Heritage Trail minn Heritage Malta li jżur għadd ta' Kappelli Medjevali; Artikolu f'L-Orizzont dwar il-Palazz u l-Kappella "tal-Barunessa" li qed jiġġarfu. Kappelli: Il-Kappella ta' Santa Marija taż-Żejfi fil-Mosta u l-Kappella ta' San Blas, ġuspatronat tal-Katidral tal-Imdina li qegħda fit-triq bejn ir-Rabat u s-Siġġiewi. Publikazzjonijiet: Artikoli tagħna li dehru f'Madwarna u fil-Malta Now |
| 18/11/2008 | Aħbarijiet: Serq ta' Qanpiena mill-Kappella tal-Fawwara; Listi: Rollo tal-1436 ta' Senatore de Mello; Kappella: Il-Knisja ta' Santa Katerina l-Antika (jew ta' San Girgor) fiż-Żejtun |
| 03/11/2008 | Kappelli: Kappella ta' Santa Marija tax-Xagħra, fin-Naxxar; Il-Kappella ta' San Mikiel Arkanġlu fl-Imqabba. Artiklu: "Żmien il-Kjeriċi Miżżewġin u Opportunisti bis-Sensja tal-Knisja" ta' Gwido Lanfranco. Attivitajiet: Attivitajiet għal Novembru 2008. |
| 21/10/2008 | Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni sponsorjata minn www.ilovebooks.com.mt hi s-Sinjorina Daniela Sultana li rebħet il-ktieb ta' Kilin "*A hundred Wayside Chapels of the Maltese Islands*". Kappelli: Il-Kappella tal-Immakulata Kunċizzjoni (tal-Blat) fil-Qala Għawdex u l-Kappella ta' San Gejtanu f'Marsascala. |
| 13/10/2008 | Kappelli: Il-Kappella tal-Lunzjata f'Ħal Balzan u l-Kappella tal-Vitorja f'Ħas Sajjied, f'Birkirkara |
| 02/10/2008 | Nerġgħu infakkrukom fil-Kompetizjoni. Irbaħ il-ktieb ta' Kilin "*A hundred Wayside Chapels of the Maltese Islands*" f'kompetizzjoni sponsorjata minn www.ilovebooks.com.mt. Il-Kompetizzjoni tagħlaq f'nofs Ottubru. Diġà kellna numru sabiħ ta' min ipparteċipa iżda għadkom fiż-żmien biex tieħdu sehem intom ukoll. Kappella: Il-Kappella ta' San Filippu Neri f'Ħal Għaxaq. Żieda qawwija fil-kitba tal-Kappella tal-Mensija, f'San Ġwann f'dak li hu sfond storiku ta' din il-kappella. Pubblikazzjonijiet: Artikli fil-MaltaNow – Settebru 2008; Madwarna – Awwissu 2008; Madwrana – Settembru 2008. |

| | |
|---|---|
| | Attivitajiet: Attivitajiet għal Ottubru 2008<br><br>Wara s-suċċess kbir li kellu l-programm "*Mat-Tokki ta' Qniepen Żgħar*" id-dirigenti ta' Radju Marija ddeċidew li jirrepetu din is-sensiela mill-ġdid. Il-ħinijiet tar-repetizzjoni ser ikunu kull nhar ta' Ħadd fis-1pm u l-Erbgħa fl-4.30am. Għalhekk, jekk tliftu xi waħda mis-sensiela, issa għandkom opportunità biex terġgħu tisimgħuha. |
| 15/09/2008 | Infakkrukom fil-Kompetizzjoni. Irbaħ il-ktieb ta' Kilin "*A hundred Wayside Chapels of the Maltese Islands*" f'kompetizzjoni sponsorjata minn www.ilovebooks.com.mt. Agħfas fuq il-logo ta' fuq biex tmur fil-paġna tal-kompetizzjoni u biex tipparteċipa. Kappelli: Il-Kappella ta' San Filippu u San Ġakbu, f'Tal-Balal fil-limiti ta' San Ġwann; Il-Kappella tal-Vitorja fil-Kastell ta' Sant'Anġlu fil-Birgu. Passatemp: Mudell bil-ġebel tal-Knisja Bażilika ta' Sant'Elena f'Birkirkara maħdum minn Frans Casha. |
| 05/09/2008 | Kappella: Il-Kappella ta' San Pawl f'Ħ'Attard. Kompetizzjoni bi Premju: Irbaħ il-ktieb ta' Kilin "*A Hundred Wayside Chapels of the Maltese Islands*" jekk tgħidilna lil min hi ddedikata l-knisja li tidher fir-ritratt. Żiediet żgħar ta' nformazzjoni storika: Il-Kappella ta' San Pawl Milqi f'Burmarrad u l-Kappella ta' Sant'Anna fil-Pwales. Attivitajiet: Attivitajiet u festi għal Settembru 2008. |
| 10/08/2008 | Kappella: Il-Kappella ta' San Pawl Milqi, f'Burmarrad. Downloads: Artikli li dehru fil-*MaltaNow* u fir-rivista *Flimkien* bis-sehem tas-sit tagħna. Aħbarijiet: Ktieb ġdid mis-Sur Pawlu Aquilina u Restawr fil-Kappella ta' San Pietru f'Ħal Qormi |
| 02/08/2008 | Kappella: Sant'Antnin ta' Padova f'Marsascala; Kummenti: M'għand Reno Saliba u m'għand Peter Paul u Pauline Busuttil; Attivitajiet għal Awwissu; Artiklu: Odette Cortis tikteb dwar kappelli u knejjes iddedikati 'l San Ġużepp. |
| 26/07/2008 | Kappella: Il-Kappella ta' Santa Marija ta' Ħal Tmin; Kummenti: Kummenti m'għand Joe Degabriele; Kurżita: Għinuna nidentifikaw bini fi stampa li bagħtilna viżitatur tagħna. |
| 22/07/2008 | Kappelli: Kappella ta' San Mikiel is-Sanċir, fir-Rabat u l-Kappella tal-Kunċizzjoni, f'San Ġiljan. Paġna ġdida tal-aħbarijiet. Xi żieda fl-Attivitajiet għall-Lulju. Riżultat tal-Poll ta' Ġujnu – Lulju 2008. |
| 15/07/2008 | Kappelli: Il-Kappella ta' San Anton Abbati, fil-Mosta u l-Kappella ta' San Pietru f'Ħal Qormi. Scans ta' Artikli tagħna: "Madwarna" ta' Lulju 2008. Attivitajiet: Xi attivitajiet ġodda li ser isiru aktar tard matul Lulju. Kummenti: m'għand Ruth Vella. Lista tal-Kappelli: xi tibdiliet fil-lista tas-Siġġiewi. |
| 04/07/2008 | Kappelli: Il-Kappella ta' Sant'Anna fil-Pwales, Il-Knisja tal-Vitorja, f'Ħal Qormi u l-Kappella ta' Santa Katerina, f'Wied il-Għasel, fin-Naxxar. Awdjo: Intervista mal-Kanonku Pawlu Gauci u ma' Anthony Mangion. Kitba dwar l-Egħluq tal-Programm "*Mat-Tokki ta' Qniepen Żgħar*". Attivitajiet: Attivitajiet għal Lulju. Korrezzjoni: Korrezzjonijiet żgħar fil-lista tal-Kappelli. Publikazzjonijiet: "Madwarna," Scans tal-paġni tagħna di dehru fl-edizzjonijiet ta' Jannar sa Ġunju 2008. Referenzi: Żieda ta' għadd ta' nies li għenuna u/jew tawna materjal Artiklu: Il-Knisja Parrokkjali ta' Santa Duminka f'Ħal Tartarni, artiklu ta' Fr. Alexander Bonnici OFM Conv. Żieda ta' ritratti tal-Knisja tal-Madonna Tal-Ħlas, f'Ħal Qormi. Ritratti li juru r-restawr riċenti li sar fuq il-faċċata. |
| 24/06/2008 | Kappelli: San Pawl ta' Bormla u San Ġorġ Martri ta' Birżebbugia. Awdjo: Intervista ma' Carmel Bezzina. Żieda: Pittura: Titular tal- |

| | |
|---|---|
| | Kappella tal-Vizitazzjoni f'Wied Qirda. Bidla: Korrezzjoni ta' nformazzjoni fil-Kappella ta' San Nikola u Santa Luċija, Limiti tar-Rabat. Żieda: Paragrafu dwar ir-Restawr fil-Kappella tal-Madonna tal-Ħlas f'Ħal Qormi. Għaqqadna l-100 paġna: Is-sit issa fih aktar minn 100 paġna ta' nformazzjoni, li 59 minnhom huma dwar diversi kappelli kappelli. Paġna ġdida: Publikazzjonijiet: "Madwarna," rivista ta' kull xahar maħruġa mal-gazzetta l-Orizzont. Scans tal-paġni tagħna fil-ħarġiet ta' Ottubru u Novembru li għadda. |
| 18/06/2008 | Kappelli: San Nikola u Santa Luċija fil-limiti tar-Rabat u Santa Marija Maddalena fuq l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli. Awdjo: Intervista ma' Rev. Mons. Joseph Bezzina. Kummenti: m'għand Manny Bongailas u m'għand Anthony Griscti. Lista tal-Kappelli: Żieda ta' żewġ kappelli fil-lista ta' Ħaż-Żebbuġ: (Il-Kunċizzjoni, ħdejn Bieb De Rohan u San Ġużepp fl-Ospizju). Żieda Ritratti: Kappella ta' Santa Lucija limiti Ħal Għaxaq (ritratti qabel u wara r-restawr) u xi ritratti tal-Knisja Tal-Providenza fis-Siġġiewi. |
| 07/06/2008 | Messaġġ mill-Eċċellenza tiegħu l-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona OP lil dan is-sit. Din tinsab f'paġna ġdida msejjħa "Introduzzjoni". Stħarriġ (Poll) ġdid: Dan jeżamina kemm intom tiffrekwentaw dan is-sit. Il-Poll kurrenti jinsab fl-ewwel paġna bħas-soltu. Ir-riżultati tal-Polls l-antiki issa jinstabu f'paġna ġdida imsejjħa "Polls". Attivitajiet: Attivitajiet għal Ġunju 2008. Awdjo: Intervista ma' Tony Terribile dwar l-użanza tal-pellegrinaġġi. |
| 25/05/2008 | Kappelli: Il-Kappella ta' Santa Luċija f'Tal-Barrani, fil-limiti ta' Ħal Għaxaq; il-Kappella ta' San Publiju, fl-Għammar fil-limiti tal-Għarb, f'Għawdex u l-Kappella tal-Viżitazzjoni ta' Wied Qirda, f'Ħaż-Żebbuġ. Awdjo: Intervista ma' Ġorġ Peresso li jitkellem dwar il-poeżija ta' Ġorġ Żammit "l-Għanja tas-Seba' Niċeċ"; Żieda żgħira ta' tagħrif dwar Ġlormu Dingli, l-Istatwarju li ħadem il-vara tal-Kunċizzjoni li hemm fil-kappella ta' Wied Gerżuma; Aħbar: Analiżi qasira dwar x'ħareġ fuq il-Programm "*Mat-Tokki ta' Qniepen Żgħar*" mir-rapport ta l-Awtorita tax-Xandir li ġie ppublikat fit-22 ta' Mejju li għadda. |
| 17/05/2008 | Kappelli: Il-Knisja tal-Madonna tal-Viżitazzjoni fl-Għarb f' Għawdex. Il-Kappella tal-Madonna tal-Karmnu fil-Fawwara, fil-limiti tas-Siġġiewi. Kummenti m'għand Carmen Muscat. Awdjo: Intervisti ma' Anthony Mangion dwar il-kappella tal-Lunzjata ta' Ħal Millieri u ma' Prof. Maro Buhagiar dwar l-iżvilupp arkitettoniku tal-kappelli. Żieda dwar il-kult ta' San Leonardu f'Malta. |
| 03/05/2008 | Kappelli: Għalaqna l-ħames grupp ta' Kappelli, jiġifieri għandna nformazzjoni fuq 50 kappella. Il-kappella li tellajna din il-ġimgħa huma dawk ta' Santa Katerina tat-Torba, fil-Qrendi u l-Kappella ta' Santu Rokku, f'Ħaż-Żebbuġ. Awdjo: It-Tieni parti tal-Intervista mal-Prof. Stanley Fiorini. Intervista ma' Noel Ciantar, il-WebMaster ta' dan is-sit. Glossarju: Twieqi mal-faċċata tal-Kappelli, Il-koppli. |
| 27/04/2008 | Il-Programm: Awdjo tal-Intervisti ma' Prof. Stanley Fiorini u Vincent Zammit; Kappella: Il-Knisja tas-Salvatur l-Antika, f'Ħal Lija; Attivitajiet: Attivitajiet għal Mejju 2008; Links ġodda: Link ma' www.qrendiscouts.com. Neħħejna xi link fejn ma sibniex "reciprocal links" fuq is-sit indikat; Update: Żieda qawwija fil-kitba u għadd ta' ritratti ġodda fil-paġna tal-Kappella ta' San Dimitri, fl-Għarb, Għawdex. Żieda fil- kitba u xi ritratti ġodda fis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena fil-Qrendi. |

| | |
|---|---|
| 17/04/2008 | Banner ġdid meħud minn ritratt mogħti lilna minn Lorne Cremona. It-Tieni Sett ta' Kappelli: Tiswija tal-ortografija taħt il-gwida ta' Stanley Spiteri. Tiswija fil-lista tal-Kappelli f'Għawdex taħt il-gwida ta' Rev. Joseph Bezzina. Kappelli: Il-Lunzjata tal-Gudja u s-Santwarju tal-Madonna tal-Vitorja fil-Mellieħa. Poll ġdid dwar il-frekwenza tas-smigħ tal-programm "Mat-Tokki ta' Qniepen Żgħar". Link ġdida mal-paġna tal-kappelli tas-sit www.malta-canada.com. |
| 12/04/2008 | Kappella: Il-Kappella ta' Santa Luċija fl-Imtarfa. Referenzi: Żieda ta' ismijiet ta' nies li għenuna. Programm: Intervista ma' uffiċjali tal-ALPS (Association for Lyceum Past Students ) dwar il-Kappella ta' Sant'Anna fil-Pwales. Il-Paġna tal-Programm issa ġiet imqassma f'aktar paġni skont l-iskeda tal-programm tar-radju. Biex tidħol għall-paġni l-oħra, agħfas fuq il-links. |
| 02/04/2008 | Attivitajiet: Attivitajiet għal April 2008. Listi: Muniti ta' żmien l-Ordni ta' San Ġwann. Kappella: Il-Knisja l-Qadima ta' Santa Venera. Update: Korrezzjonijiet fil-lista tal-Kappelli. Il-Programm: L-awdjo tal-intervista ma' Lino Bugeja. Passatempi: Mudelli ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira. |
| 24/03/2008 | Kappelli: Il-Kappella ta' San Pawl tat-Tarġa fin-Naxxar. Il-Programm: L-Awdjo tal intervisti ma' Anthony M. Brincat u ma' Lino Bugeja. Bdil fl-iskeda tal-programm fuq Radju Marija. Qaddisin: San Bażilju l-Kbir. Update fil-Lista tal-Kappelli: Korrezzjonijiet. Downloads: Wallpaper f'żewġ qisien (800x600 u 1024x768) ta' żewġ kappelli: Dik ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ fil-Gudja u dik ta' Sant'Anna fil-forti Sant'Anġlu fil-Birgu. |
| 15/03/2008 | Programm: L-awdjo tal-intervista ma' Walter Glynn dwar il-Kappella ta' Ċeppuna. Kappella: Il-Kappella ta' Santa Ċeċilja, f'Għajnsielem, Għawdex. Artiklu: Kappelli u Knejjes tal-Lunzjata f'Malta , ta' Carmel Bezzina. Update: Aktar pitturi ta' Renè Sacco. Update: Tiswijiet fil-lista ta' Kappelli. |
| 08/03/2008 | Korrezzjonijiet: Ikkoreġejna l-iżbalji orografiċi tal-kappelli tal-ewwel sett taħt id-direzzjoni ta' Stanley Spiteri. Ftit ftit ser induru l-bqija tas-sit kollu. Għalaqna r-raba' sett u bdejna l-ħames sett ta' kappelli: Il-Madonna tad-Dawl f'Ħaż-Żebbuġ (raba' sett) u l-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi f'Għawdex (ħames sett). Awdjo: Intervista ma' Joseph Muscat dwar il-graffiti. Listi: Lista komprensiva ta' kappelli li jeżistu f'Malta u Għawdex kif ukoll, fis-sezzjoni tad-downloads, fajl pdf ta' liema minnhom ġew deskritti f'kotba ta' erba' awturi partikolari. |
| 28/02/2008 | Poll ġdid għal Marzu. Mur fl-ewwel paġna biex tivvota. Il-Programm: Awdjo tal-intervista ma' Vincent Zammit dwar l-arkitettura tal-Kappelli. Attivitajiet: Attivitajiet għal Marzu 2008. Kappella: Il-Kappella ta' San Ġwann t'Għuxa, f'Bormla. Qaddisin: Santa Margerita t'Antijokja fil-Pisidja. |
| 23/02/2008 | Il-programm: Awdjo tal-intervista ma' Joe Schiro, Kartografu u restawratur ma' Heritage Malta. Kappelli: Il-Kappella ta' Santa Marija "Tal-Ftajjar", Ħal Luqa u l-Kapella tal-Madonna ta' Loretu fil-Gudja |
| 16/02/2008 | Il-programm: Awdjo tal-intervista ma' Dr. Mario Rizzo Naudi dwar il-kappella ta' Santa Luċija, fil-limiti ta' Ħal Għaxaq. Glossarju: Definizzjoni ta' "Santwarju". Kappella: Il-Lunzjata ta' Ħal Millieri, limiti taż-Żurrieq. Artiklu ta' Rev. Jonathan Farrugia: Il-Monasteru ta' Santa Katarina fil-Belt Valletta. Buttuna f'kull faċċata biex timmarka ("bookmark") l-paġna jew fil-"favourites" jew fuq xi "social bookmarking site" (x'inhuma?) tal-għażla tiegħek kif ukoll tirrakkomanda l-paġna lill-ħbieb |

| | |
|---|---|
| | tiegħek. |
| 10/02/2008 | Kappella: San Mikiel Arkanġlu fis-Salini, limiti ta' Burmarrad. Intervista ma' Guido Lanfranco dwar il-festi li huma assoċjati mal-kappelli u knejjes żgħar. Download: Poster tal-programm "Mat-Tokki ta' Qniepen Żgħar". Qaddisin: Santa Katerina ta' Lixandra, kitba ta' Fr. Jonathan Farrugia. Bidliet kożmetiċi fil-paġna tar-referenzi. Żieda ta' ritratti tal-kappella minn ġewwa fil-paġna tal-Kappella tal-Isperanza, fil-Mosta. |
| 02/02/2008 | Avviż importanti għas-semmiegħa tal-programm "Mat-Tokki ta' Qniepen Żgħar". Poll fil-paġna tal-faċċata. Lista sħiħa tal-Kappelli fuq is-sit. Kappella: Ta' Ċeppuna fil-Marsa. Intervisti awdjo: Iż-żewġ intervisti li tana Dr. Joe Borg. Attivitajiet: Attivitajiet għal Frar 2008. Referenzi: Żieda ta' nies li tawna l-għajnuna, ritratti jew informazzjoni. |
| 20/01/2008 | Kappelli: Is-Santwarju tal-Minsija, f'San Ġwann, il-Kappella tal-Assunzjoni taż-Żellieqa fil-Għargħur, u l-Kappella ta' San Ġwann Evanġelista f'Baħar iċ-Ċagħaq. Dawn jinsabu f'sezzjoni ġdida taħt "Il-Kappelli 4". Min aħna: xi dettalji dwar il-ħabib tagħna u kontributur regolari fis-sit is-Sur Anthony M. Brincat. Kummenti: Kummenti minn viżitaturi tas-sit fosthom Vincent Attard, Thomas Pace u Charles Garcia. Il-Programm: Downloads tal-intervisti awdjo ma' Martin Gravina, Alfie Gullaumier u Mario Coleiro li saru mill-bidu tas-sena sal-lum. Referenzi: Inkludejna aktar nies li tawna l-għajnuna tagħhom b'mod dirett jew indirett. Korrezzjonijiet u żidiet: Korrezzjonijiet żgħar u żidiet minuri f'diversi paġni, l-aktar ortografiċi. Napprezzaw li tiġbdulna l-attenzjoni meta ssibu xi ħaġa mhux f'lokha. |